Taw is-Sehem tagħhom fil-bini tal-Knisja Tagħna

# Pietru Pawl Balzan u Mikiel Anġ Borg

● Minn Winston L Zammit BA (Hons), PGCE MA

F'lapida li hemm fil-Kappella tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesu, fil-knisja tagħna, hemm imnizzla l-ismijiet ta' numru ta' persuni li flimkien ma' Dun Pawl Vella D.D. (1831-1833) taw sehemhom fil-bini tal-knisja (1877-1881). Fost dawn insibu l-ismijiet ta' Pietru Pawl Balzan u Mikiel Anġ Borg.

**Pietru Pawl Balzan**

Pietru Pawl Balzan kien jifforma parti mill-Kumitat li ħa ħsieb il-bini tal-knisja tagħna.[1] Iżda barra minn hekk irregala lill-istess knisja l-kwadru sabiħ li juri lil San Pietru u San Pawl, xogħol tal-artist Malti Giuseppe Calì li qam £12.[2] Fil-manuskritt "Cenni Storici" miktuba minn Dun Pawl Vella, insibu din in-nota, "Il 29 Giugno (1881) si fece la festa degli Appostoli San Pietro e San Paolo a spese del negoziante P P Balzan".[3]

Insibu li fis-sena ta' wara (1882) l-istess Pietru Pawl Balzan ħa f'idejh l-Arbural biex jinġabru l-flus ħalli l-art tal-knisja tinkesa bil-madum tal-irħam. B'kollox Pietru Pawl Balzan ġabar is-somma sabiħa ta' 524 Skud 7 Tari 16-il gram.[4] Pietru Pawl Balzan ġabar ukoll is-somma ta' £40 biex saret qanpiena ta' 780 Ratal.[5]

Fit-22 ta' Lulju 1888, l-istess Pietru Pawl Balzan kompla jibbenefika l-istess knisja billi permezz ta' kitba fl-atti tan-Nutar Franġisk Schembri, ħalla legat biex ta' kull sena ssir il-festa ta' San Pietru u San Pawl fid-29 ta' Ġunju, bil-quddiesa kantata u paniġierku.[6] Fl-istess jum permezz ta' kitba għand l-istess Nutar, hu u martu Concetta, waqqaf kors ta' Eżerċizzi Spiritwali għall-Irġiel.[7] Sfortunatament minkejja r-riċerka estensiva li għamilt ma rnexxilix insib id-data tal-mewt tiegħu.

**Mikiel Anġ Borg**

Kien membru tal-kumitat li ħa ħsieb il-bini tal-knisja u rsista ħafna għall-bini tagħha, mhux biss billi ħareġ il-flus minn butu għall-bini tagħha, iżda bħala wieħed mill-membri tal-Kumitat ħa ħsieb jiġbor il-fondi għall-istess proġett.[8] Kien ukoll jagħti sehmu fil-kappella proviżorja li kienet tiffunzjona waqt il-bini tal-knisja.[9]

Wara li tlesta l-bini tal-knisja (1881), M A Borg ħabrek biex il-knisja tingħata lill-Patrijiet Franġiskani Minuri.

M A Borg li kien "Kattoliku fervent" kien ukoll juża l-ġid li pprovdielu l-Mulej biex jgħin lil min kien fil-bżonn. Miet f'Tas-Sliema fil-21 ta' Ottubru 1891 fl-età ta' 79 sena, wara marda twila.[10]

**Referenzi**


1 L-Anġlu tal-Paċi, Lulju 1934, p 212
2 IBID Settembru 1934, p 273
3 Dun Pawl Vella "Cenni Storici" p 87
4 Tagħrif fil-pussess tal-awtur.
5 A(rkivju) P(rovinċjali) P(atrijiet) M(inuri) V(alletta), Atti Oriġinali Sliema Vol 1, No145 p135
6 L-Anġlu tal-Paċi, Settembru 1934 p273
7 IBID p 274
8 Il Risorgimento 23-X-1891
9 La Croce di Malta 10-VI-1878
10 Il Risorgimento 23-X-1891, Gazzetta di malta Corriere Mercantile Maltese 23-X-1891 p 3





